MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2011

Numru 1028/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Leon Portelli**
**JPS**
**MC**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Leon Portelli ta' 18-il sena mwieled fit-23/07/1993, Pieta' bin Jesmond u Lorraine nee' Montanaro u residenti f'Blokk B4 Flat no 3 Triq id-Dawr Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 343493(M) u l-imputat JPS u l-imputata MC gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer u cioe fix-Xemxija San Pawl il-Bahar fil-31 ta’ Awwissu 2011 f’xi hin bejn nofs inhar u l-hamsa ta’ wara nofs inhar  ikkommettew serq liema serq huwa ta’ valur aktar minn 23 euro u inqas minn 2300 euro ghad-detriment ta’ terzi persuni liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur.

Lill Leon Portelli u lil JPS akkuzati ukoll talli, f’dawn il-Gzejjer u cioe fix-Xemxija San Pawl il-Bahar fis-27 ta’ Awwissu 2011 f’xi hin bejn nofs inhar u l-hamsa ta’ wara nofs inhar ikkommettew serq liema serq huwa ta’ valur aktar minn 23 euro u inqas minn 2300 euro ghad-detriment ta’ terzi persuni liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta’ Settembru 2011 (esebit a fol. tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-2 ta’ Settembru 2011 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Settembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk irid jergghu lura minnhhom u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li kkoperaw fil-kors tal-investigazzjoni kif ukoll ikkunsidrat l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lit-tlett(3) hatja taht ordni ta’ probation ghall-perjodu ta’ tmintax(18)-il xahar millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tmintax (18)-il xahar Leon Portelli, JPS u MC ghandhom jgibu ruhhom tajjeb, joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzommu dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilhom.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Leon Portelli, JPS u MC kull tlett xhur.

3. Leon Portelli, JPS u MC ghandhom javzhom immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmlu fl-indirizz residenzjali taghhom.

4. Li ghandhom zzommu ruhhom f’kuntatt ma’ l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li taghtihom minn zmien ghall-iehor Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huma ghandhom, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikunu hekk iridu, jircievu zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li ghandhom jzommu ruhhom f’ kuntatt ma’ l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtihom minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huma ghandhom, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikunu hekk iridu, jircievu zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hatja.

L-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ta' isem l-imputati JPS u MC peress li huma minorenni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------